# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 472/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Josephine Nind u zewgha Peter Nind**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsin liri Maltin (Lm750.00) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali ta' Lm150 il-wahda,

debitament accettati u skaduti minn Jannar, 2001, sa’ Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa’ 5 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sad-9 ta’ Mejju, 2001, jammontaw ghal Lm10, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Marzu, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-2 ta’ Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.